Mellieħa

1 ta' April 2019

# IS-SEBA' KUNSILL

## AĠENDA Numru 109

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa msejħa b'urġenza

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **109 imsejħa b'urġenza** li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 3 ta' April, 2019 fil-5.00 pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

## AĠENDA

109.1. Qari ta' ittri ta' apoloġiji; u

109.2. Mozzjoni dwar talba għall-iżvilupp PA 5909/17 fuq arti konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl, Triq il-Fortizza, u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

**MOZZJONI**

Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier H. Fenech illi tgħid:

*"B'referenza għall-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar bir-referenza PA 5909/17 għall-bini ta' lukanda u numru t'appartamenti fid-daħla tal-Mellieħa.*

*Dan il-Kunsill jemmen bis-sħiħ li dan l-iżvilupp:*

1. *Ser jirrovina parti oħra mil-lokalità tal-Mellieħa;*
2. *Ser ikun żvilupp f'żona residenzjali, kontra l-Pjan Lokali u ser ikerraħ id-daħla tal-lokalità tagħna;*
3. *Ser joħloq problemi enormi għar-residenti taż-żona; u*
4. *Mhux kompatibbli mal-ambjent tal-madwar.*

*Għalhekk, dan il-Kunsill għandu jagħmel oġġezzjoni formali fuq il-permess mogħti mill-Awtorità tal-Ippjanar u jara li dan l-appell isir fiż-żmien stipulat.*

*Iktar minn hekk, dan il-Kunsill jitlob ukoll li l-art in kwistjoni li ttieħed minn idejn il-Kunsill fl-2015 u terġa' tiġi lura għand il-Kunsill Lokali sabiex tiġi żviluppata f'Ċentru għall-Komunità Melleħija skont kif kienu l-pjanijiet tal-Kunsill qabel is-sena 2013.".*

Hilary Fenech
**Proponent**

Emvin Bartolo
**Sekondant**